

**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-005971/2017**  
**lill-Kummissjoni (Viċi President / Rappreżentant Għoli)**

Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura

**Julie Ward (S&D), Wajid Khan (S&D), Claude Rolin (PPE), Jude Kirton-Darling (S&D), Ivan Jakovčić (ALDE), Anna Hedh (S&D), Javier Nart (ALDE), Jordi Solé (Verts/ALE), Tanja Fajon (S&D), Stelios Kouloglou (GUE/NGL), Ivo Vajgl (ALDE), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), Alfred Sant (S&D), Ismail Ertug (S&D), Judith Sargentini (Verts/ALE), Merja Kyllönen (GUE/NGL), Hilde Vautmans (ALDE) u Barbara Spinelli (GUE/NGL)**

Suġġett: VP/HR - Il-każ tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Palestinjan Issa Amro u l-Liġi Palestinjana dwar iċ-Ċiberkriminalità

Fl-4 ta' Settembru 2017 id-difensur prominenti tad-drittijiet tal-bniedem Palestinjan Issa Amro kien arrestat mill-Awtorità Palestinjana mingħajr mandat ta' arrest, minħabba kummenti fuq il-midja soċjali li dwarhom kienu kritiċi. Is-Sur Amro kien akkużat bi "tfixkil tal-ordni pubbliku", "insult lill-awtoritajiet" u "inċitazzjoni ta' kunflitt", skont il-Liġi dwar iċ-Ċiberkriminalità adottata reċentement. Hu nħeles fuq pleġġ fl-10 ta' Settembru.

Is-Sur Amro huwa l-fundatur tal-"Youth Against Settlements" ("Żgħażaġħ Kontra l-Insedjamenti") u ħadem ma' NGOs favur id-drittijiet tal-bniedem biex jiddokumenta l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent. L-arrest tiegħu jsegwi diversi każijiet simili oħrajn matul eskalazzjoni reċenti f'miżuri meħuda mill-Awtorità Palestinjana biex tirrestrinġi u żżomm lill-ġurnalisti u lill-attivisti tal-midja soċjali Palestinjani, li ġew ikkundannati mill-Amnesty International. L-NGOs qajmu tħassib serju dwar il-Liġi dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Awtorità Palestinjana, li tirrestrinġi b'mod sever il-libertà tal-espressjoni tal-ġurnalisti u tal-attivisti.

X'azzjoni immedjata għandu intenzjoni jieħu s-SEAE biex jiggarantixxi li l-akkużi kontra s-Sur Amro jitwaqqgħu?

X'ser jagħmel is-SEAE biex jiżgura l-libertajiet u d-drittijiet tad-difensuri l-oħra Palestinjani tad-drittijiet tal-bniedem?

X'passi ser jieħu s-SEAE biex jisħaq fuq it-tħassir tal-Liġi Palestinjana l-ġdida dwar iċ-Ċiberkriminalità?